**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 29 – IT-TLIETA, 18 TA' DIĊEMBRU 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Janet Barthet | Membru |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Minuti Numru 28**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Janet Barthet issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Ġie deċiż li tinbagħat ittra legali lil TM rigward in-nuqqas ta' dawl fiż-Zebra Crossing fi Triq tas-Sliema. F'din l-ittra għandha tiġi ikkomunikata li l-Kumitat u l-Kunsill m'humiex responsabbli jekk isir inċident f'din iż-zebra crossing minħabba n-nuqqas ta' dawl.

2.2 Ġie deċiż li tinbagħat ittra lil TM rigward it-talba pendenti li hemm biex Triq il-Gardell issir one way.

2.3 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-fondi speċjali saret biex Triq il-Ġojjin tingħata wiċċ ġdid.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Ġiet diskussa talba, minn resident minn Triq Wied Għollieqa, biex f'din it-triq, in-naħa tal-wied isir parkeġġ mit-8 ta filgħaxija sat-8 ta filgħodu fejn illum huwa projbit il-parkeġġ. Kien hemm qbil fil-prinċipju. Għandha tintbagħat ittra biex jiġu ikkonsultati r-residenti u ssir talba lil TM.

3.2 Is-Sur Robert Vella Bonnici talab li ssir *residents parking* fi Triq ir-Russett. Kien hemm diskussjoni rigward dan. Ġie innutat li jekk dan isir, ikun hemm preċedent ma' toroq oħra u trid issir fit-toroq l-oħra kollha wkoll.

3.3 Is-Sur Salvatore Mousù ppreżenta kopja tal-istemma tal-Kappara kif ġiet ippreżentata mid-dipartiment. Kien hemm kunsensus li la l-kulur u lanqas id-disinn ma jirrifletti l-Kappara.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2013 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |